

Brussell, 19 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)

5532/1/21
REV 1 ADD 1

SOC 36
ECOFIN 60
FSTR 9
COMPET 42
FIN 48
IA 10
CADREFIN 34
CODEC 83
PARLNAT 90

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-19 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹.
2. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni huwa strument li jappoġġa miżuri implimentati mill-Istati Membri li għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018², u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019.
5. Intlaħaq approċċ ġenerali parzjali⁴ fil-Kunsill EPSCO fil-15 ta' Marzu 2019 li jipprovdi l-qafas ta' negozjar.
6. Il-Presidenza daħlet f'diskussjonijiet informali mal-Parlament Ewropew fi Frar 2020. Wara sensiela ta' laqgħat tekniċi u erba' Trilogi politiċi (4 ta' Frar, 15 ta' Ottubru, 27 ta' Ottubru u 16 ta' Diċembru) il-koleġiżlaturi laħqu ftehim proviżorju.
7. Fl-20 ta' Jannar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil politiku⁵ u approva l-kompromess finali li rriżulta mit-trilogi, soġġett għal reviżjoni teknika u rieżami mill-ġuristi lingwisti.

¹ ST 9701/18 + ADD 1

² ĠU C86, 07.03.2019, p.239-258

³ ĠU C110, 22.03.2019, p.82-86

⁴ ST 7624/19

⁵ ST 5043/21 ADD1 - REV1

8. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Ewropew approva t-test ta' kompromess, soġġett għal reviżjoni teknika u rieżami mill-ġuristi lingwisti. Fl-istess jum, il-President ta' dak il-Kumitat baġtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, hija kienet ser tirrakkomanda li l-Kumitat EMPL u l-Plenarja jadottaw il-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi. L-effett ta' dan ikun li l-att propost imbagħad jitqies bħala li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill.

II. OBJETTIV

9. L-objettiv tar-Regolament huwa li jġedded il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-perijodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021 - 2027 u b'hekk jippermetti lill-Unjoni tiffinanzja miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Il-proposta testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti billi tirrikonoxxi raġunijiet addizzjonali għar-ristrutturar bħala eliġibbli għall-appoġġ u billi tistabilixxi limitu ta' eliġibbiltà ħafna aktar baxx għall-ħaddiema ssensjati.
11. Ir-rata ta' kofinanzjament hija allinjata mal-FSE+ filwaqt li r-rata attwali ta' kofinanzjament tinżamm bħala minimu ta' 60 %.
12. Tipprevedi Att delegat li jiddetermina l-każijiet ta' irregolarità li għandhom jiġu rrapportati u d-data li għandha tiġi pprovduta.
13. Tistabilixxi sett ta' indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati għall-applikazzjonijiet għall-FEG.

14. Tipprevedi li fil-każijiet eċċezzjonali meta l-approprijazzjonijiet ta' impenn li jifdal disponibbli fil-Fond ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-assistenza meqjusa meħtieġa, il-Kummissjoni tista' tipposponi t-talba għal trasferiment baġitarju sas-sena ta' wara.
15. Tinkludi klawżola ta' retroattività sabiex jiġu evitati lakuni fil-finanzjament bejn l-iskadenza tar-regolament attwali u d-dħul fis-seħħ ta' dak il-ġdid.

IV. KONKLUŻJONI

16. Il-pożizzjonijiet tal-Kunsill fl-ewwel qari għar-Regolament jirriflettu l-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
17. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjonijiet tiegħu fl-ewwel qari jikkostitwixxu test ibbilanċjat li jissodisfa l-oġġettivi kollha tar-Regolament.
